



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2019
(OR. en, es)

13823/19
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2012/0006(NLE)

AVIATION 239
RELEX 1009
COEST 259
NIS 15
OC 14

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra – Dikjarazzjoni minn Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-dikjarazzjoni minn Spanja dwar it-Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew rigward il-Ftehim dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra.

Dikjarazzjoni minn Spanja

COREPER I 4 ta' Diċembru 2019

Il-Punti 12, 13 u 15 tal-aġenda

(Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehimiet dwar l-Avjazzjoni mal-Ġordan, il-Moldova u l-Iżrael)

Dikjarazzjoni minn Spanja biex tiddaħħal fl-atti tal-COREPER I u tal-Kunsill

Spanja tiddikjara li l-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-pożizzjoni legali tagħha dwar it-tilwim dwar is-sovranià li jikkonċerna t-territorju fejn jinsab l-Ajruport ta' Ġibiltà. Spanja tinnota li fl-20 ta' Novembru 2012 infurmat lill-Kummissjoni li ma kinitx għadha tqis id-Dikjarazzjoni ta' Córdoba bħala fis-seħħ u għalhekk, minn dik id-data, ma baqgħetx tqis li kien aċċettabbli li tkompli tagħmel referenza għad-Dikjarazzjoni Ministerjali tat-18 ta' Settembru 2006 dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà (Dikjarazzjoni ta' Córdoba) fil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-avjazzjoni ċivili u għaldaqstant talbet ritorn għas-sitwazzjoni ta' qabel it-18 ta' Settembru 2006 fi kwalunkwe proposta għal leġislazzjoni għdida.